MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-21 ta' Jannar, 2009

Numru. 29/2006

**Il-Pulizija**
**Spettur Nezren Grixti**
**v**

**JOSEPH CILIA**

**Seduta ta' llum 21 ta' Jannar 2009**

**Il-Qorti;**

Rat illi l-imputat **JOSEPH CILIA** t'erbghin sena, bin l-mejjet Joseph u l-mejta Maria nee Sciberras, imwieled l-Kanada nhar t-tnejn w ghoxrin ta' Frar 1966 u residenti "Cilia", Triq il-Professur Guze Aquilina, Munxar, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita numru 219804L gie mressaq quddiemha akkuzat:

a. Talli f'dawn il-Gzejjer fis-sbatax t'Awwissu 2006 u matul dawn l-ahhar hames xhur qabel din d-data, gewwa l-Munxar u bnadi ohra f'Ghawdex f'hinijiet differenti, ikkultiva l-pjanta tal-Cannabis;

b. Talli kellu fil-pussess tieghu l-pjanta Cannabis kollha jew bicca minnha;

c. Talli kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta tal-Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din r-raza;

d. Talli kellu fil-pussess tieghu medicina psikotropika u ristretta (ecstasy) minghajr awtorizzazzjoni specjali bil-miktub mis-Supretendent tas-Sahha Pubblika bi ksur tad-disposizjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha (Kap 31) tal-Ligijiet ta' Malta w ir-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra li tapplika l-piena skond l-ligi, tordna lil imputat ihallas l-ispejjes li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti ai termini tal-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kawza w d-dokumenti kollha esibiti fosthom l-process verbal relattiv redatt mill-Magistrat Dottor Paul Coppini [fol 18 et seq] kif wkoll l-istqarrija rilaxxjata mill-istess imputat nhar s-sbatax t'Awwissu 2006 [fol 7 et seq].

Rat il-Fiat tal-Avukat Generali datat tmintax t'Awwissu 2006 ai termini tal-artikolu 120(2) tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha [Kap 31] esibit a fol 6 tal-atti, sabiex din il-kawza tinstemgha quddiem il-Qorti bhala wahda ta' gudikatura kriminali.

Semghet l-imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferuta kif registrat waqt l-esami li sar skond l-

artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta nhar t-tmintax t'Awwissu 2006 [fol 9].

Ikkunsidrat:

Illi nhar s-sebgha ta' Settembru 2006, **xehed l-Ispettur Nezren Grixti** [fol. 25] fejn qal li l-pulizija kienet irceviet informazzjoni li certu Joseph Cilia kien fil-pussess ta' xi pjanti jew li kien qed jikkultiva xi pjanti fir-residenza tieghu u ghalhekk kienet kellmet lil istess Joseph Cilia w informa wkoll lil Magistrat tal-ghassa Dottor Paul Coppini fis-sbatax t'Awwissu 2006 fejn fil-fatt kien hareg search warrant kontra l-istess imputat. Qal li fis-sbatax t'Awwissu 2006 l-pulizija kienet sabet lil imputat presenti fl-awla fil-Marsalforn Guest House, ghal habta tat-tlieta ta' wara nofsinhar u sabet li kien qed jaghmel uzu wkoll minn flat iehor 'Mill Cottage', Windmill Street, Rabat, liema post kien mikri lilu kif wkoll lit-tfajla tieghu ta' nazzjonalita barranija. Qal li l-pulizija kienet ghamlet tfittxija f'dan il-post fir-Rabat fejn fl-ewwel kamra nstabu hames pilloli allegatament Ecstacy, bicca raza ta' Cannabis kif wkoll *roach* allegatament bi tracci tar-raza tal-Cannabis. Qal li aktar tard l-imputat gie eskortat fir-residenza tieghu 'Cilia', Triq Professur Guze Aquilina, fil-Munxar, Ghawdex fejn waqt tfittxija fil-gallarija li tinsab fl-ewwel sular, thares fuq bitha nterna, kien hemm erbgha pjanti mizrugha fi qsari w ghalhekk l-imputat gie mehud l-Kwartieri Generali tal-Pulizija ghal aktar stharrig.

Spjega li l-imputat gie nterrogat fil-presenza ta' PC 733 Joseph Galea, fejn l-istess imputat kien stqarr li dawk l-pjanti kien zeraghhom hu stess u qal li bejn wiehed w iehor kien zeraghhom f'Mejju 2006. Kien stqarr wkoll li kien isaqqi dawn il-pjanti bejn wiehed w iehor xi erbgha darbiet fil-gimgha. Stqarr wkoll li kien jaghmel uzu mir-raza tal-Cannabis u l-ahhar li kien ghamel uzu minn din r-raza, kien l-jum ta' qabel u cioe fis-sittax t'Awwissu 2006. Ix-xhud kompla jghid li meta l-pulizija staqsiet lil imputat dwar d-droga Ecstacy kien qal li l-ahhar li kien ghamel uzu minnha kien fit-tlettax t'Awwissu 2006.

Meta l-imputat gie mistoqsi dwar z-zerriegha u cioe minn fejn kien gabha, l-imputat kien stqarr li kien gabha minn ammonti li kien jiehu mill-haxixa tal-Cannabis u kien izid iz-zerriegha ma dak l-ammont ta' haxixa tal-Cannabis. Qal li meta l-imputat gie mistoqsi dwar min kien jissupplixxi kemm il-haxixa kif wkoll r-raza u l-Ecstacy, l-imputat kien naqas li jghid minn fejn kien igib l-istess.

Qal li l-imputat kien stqarr mieghu li kien ghaddej minn problemi, fosthom l-uzu tal-haxixa personali, li ma kellux flus anzi li kellu d-dejn. Ix-xhud qal li l-pjanta l-kbira li kien sab kienet twila xi tlett piedi jew tlett piedi u nofs.

Illi nhar d-dsatax t'Ottubru 2006, **xehed l-Ispizjar Mario Mifsud** [fol. 32] fejn qal li hu kien gie nominat b'digriet tal-Magistrat Dottor Paul Coppini datat sbatax t'Awwissu 2006 fl-atti tal-inkjesta li nzammet dwar sejba ta' sustanza suspettata droga fil-Munxar, Ghawdex. Ix-xhud esebixxa r-relazzjoni tieghu li giet immarkata bhala Dok. MNL. Qal li mill-konkluzzjonijiet tieghu rrizulta li kien hemm tracci ta' *Tetrahydrocannabinol* fis-speci ta' *rouch* li kien hemm fid-Dok. 675/06/07, li l-erbgha xtieli li kien hemm fid-Dok. 675/06/01 sa 675/06/04 f'ammont net totali ta' 189.89 grammi kienu xtieli ta' Cannabis u li l-purita taghhom kienet ta' circa 5.7%. Qal wkoll li s-sutanza kannella li kien hemm fid-Dok. 675/06/06 f'ammont net totali ta' 3.32 grammi, instabet fiha s-sustanza *Tetrahydrocannabinol*, li l-purita ta' din il-blokka kienet ta' circa 9.3% u li din hija kontrollata bil-ligi taht t-Taqsima III Sezzjoni 8 tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta. Spjega wkoll li l-hames pilloli li kien hemm fid-Dok. 675/06/06 instabet fihom s-sustanza 3,4-*Methylenedioxymethamphetamine*, liema sustanza hija *central stimulant* kontrollata bil-ligi taht t-Tielet Skeda Parti a tal-Kap 31 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi nhar d-dsatax t'Ottubru 2006, **xehed PS 1355 Cleon Purshouse** [fol. 66] fejn qal li fis-sbatax t'Awwissu 2006 hu kien akkumpanjna lil Ispettur Nezren Grixti f'Ghawdex fejn arrestaw lil imputat presenti fl-awla u dan in konnessjoni ma pussess ta' pjanti ta' Cannabis fir-residenza tieghu fil-Munxar. Qal li l-imputat kien wkoll stqarr maghhom li kellu residenza ohra fir-Rabat,

Ghawdex. Qal li meta staqsewh jekk kellux xi haga llegali, l-imputat kien wiegeb li kellu xi pjanti. Spjega li meta marru fir-residenza tal-imputat ‘Mill Cottage’ Windmill Street, Rabat, hemm sabu hames pilloli x’aktarx Ecstacy u bicca allegata raza tal-Cannabis li gew elevati. Qal li meta marru fir-residenza l-ohra u cioe tal-Munxar tal-imputat, ‘Cilia’, Triq l-Munxar, Munxar, fil-gallarija sabu pjanti suspettati Cannabis. Qal li l-imputat kien ikkopera maghhom fis-sens li rrisponda kull domanda li saritlu dwar dan.

Illi nhar l-wiehed w ghoxrin ta’ Dicembru 2006, **xehed PS 765 Samuel Attard** [fol. 71] fejn qal li nhar l-erbatax t’Awwissu 2006 hu kien ha sehem fi tfittxija li saret fir-residenza tal-imputat odjern ‘Cilia’, Triq il-Professur Guze Aquilina, Munxar, Ghawdex fejn fil-gallarija ta’ dan il-fond instabu erbgha xtieli allegatament tal-Cannabis. Qal li meta ghamlu tfittxija fir-residenza l-ohra tal-imputat, ‘Mill Cottage’, Windmill Street, Rabat, Ghawdex, fil-presenza tal-istess imputat, mis-salott elevaw hames pilloli Ecstacy kif wkoll bicca raza t’allegata Cannabis u *rouch*. Qal li dawn fil-fatt kienu gew moghtija lilhom mill-imputat stess waqt li kienu fl-istess residenza tieghu wara li hu stess kien stqarr maghhom li kellu dawn l-oggetti fl-istess residenza tieghu.
Illi nhar l-wiehed u tietin ta’ Jannar 2008 **xehdu PS 46 Charlo Casha u PS 465 Daniel Abela** [fol. 93] fejn esibew r-relazzjoni taghhom in konnessjoni mal-allegata sejba ta’ droga fil-Munxar, u dan wara li kienu gew nominati fl-atti tal-istess inkjesta nhar s-sbatax t’Awwissu 2006. Din r-relazzjoni giet immarkata bhala Dok. SOCO.

Illi nhar t-tnax ta’ Mejju 2008, **xehed l-Psikjatra Doctor Anton Grech** [fol. 104] fejn qal li l-imputat ilu taħt il-kura tiegħu minn Jannar 2007. Qal li l-imputat kien daħal pazjent is-*short stay ward* fl-Isptar Ġenerali ta’ Għawdex meta kien għaddej minn fażi ta’ dipressjoni u kien ibati minn kundizzjoni li jisimgħa *bipolar effective disorder* li tfisser li jgħaddi minn perjodu li jew ikun fi stat ta’ dipressjoni jew inkella l-oppost, fi stat ta’ ewforja. Qal li l-imputat ġieli wkoll jabbuża minn sustanzi lleċiti speċjalment il-ħaxixa. Spjega li skond in-notamenti tal-

*history file* ta' l-imputat fis-sena 1998, l-imputat kien ġie nvistat mit-tobba Għawdex kif ukoll saħansitra daħal bħala pazjent fis-Psychiatric Unit f'Malta fis-sena 2004. Qal li fil-fehma tieghu min ikun ibati minn din il-kundizzjoni, tista' tiġi kkontrollata. Jekk din il-kondizzjoni ma tiġix ikkontrollata, ir-riżultat hu li jew ikun fi stat ta' dipressjoni jew fi stat ta' dwejjaq jiġifieri jkollok aktar enerġija żejda. B'hekk il-moħħ ikun qed jgħaġġel ħafna u ma jkollokx kontroll fuq dak li qed tagħmel. Ma jkollokx kontroll assolut fuqek innifsek.

Qal li hu jnvista lill-imputat b'mod regolari. Dwar l-problema tieghu li huwa jabbuza mid-droga, l-imputat qed jikkopera fis-sens li jżomm l-appuntamenti u hu nfurmat li drogi m'għadux jieħu u li ghandu rizultati negattivi ta' l-awrina tieghu għall-preżenza tad-droga u dan skond rizultat tal-wieħed ta' Settembru 2007, u ieħor f'Marzu 2007, li huma t-tnejn negattivi.

Qal li llum il-ġurnata hu jara lill-imputat darba kull xahrejn u dan għaliex għaddej minn fażi stabbli. Spjega li l-imputat għamel xhur l-isptar u fil-fatt huwa kien daħal l-isptar fit-tnejn ta' Jannar 2007 u kien biss fid-dsatax ta' Frar 2007 li beda joħroġ ftit mill-isptar. Qal li l-imputat kien gie kompletament *discharged* mis-sala ta' l-isptar f'Awissu 2007, sebgha xhur wara li kien gie ammess.

Illi nhar t-tnax ta' Mejju 2008, **xehdet Sonia Abela** [fol. 106] fejn qalet li hi ilha taf lil imputat għal dawn l-aħħar tmien snin w għamlu xi seba' xhur mhux flimkien. Qalet li l-imputat ibati b'xi mard mentali u hi kienet għenitu sabiex jidħol l-isptar u fil-fatt għamel xi żmien fis-*short stay*, fil-fatt għamel xi tlett xhur fis-*short stay*. Qalet wkoll li saħansitra anke għenitu biex jidħol l-OASI u ħallsitlu minn butha għall-programm ta' l-OASI. Qalet li kellu problema mal-bank għaliex il-bank ried jeħodlu d-dar jekk ma jħallasx l-ammont ta' flus li kellu jagħti fuq il-*loan* u fil-fatt hi kienet hallsitlu xi flus minn taghha sabiex il-problemi mal-bank jonqsu. Spjegat li hi kienet kriet flat f'Għawdex, ix-Xlendi u l-imputat kien joqgħod maghha u hi tieħu ħsiebu. Qalet li hi tahdem bħala *salesgirl* ma' Farsons. Ix-xhud qalet li l-imputat fil-fatt għamel progress f'hajtu u saħansitra anke

nbiddlitlu l-*life style* tiegħu jigifieri flok ma jfittex *nightclubs* u affarijiet bħal dawn, fil-fatt qiegħed ifittex li jmorru f'xi *restaurant* u hekk. Ziedet tghid li l-imputat għamel tlett xhur l-OASI però għadu jmur darbtejn fil-ġimgħa għand ta' l-OASI, darba fil-ġimgħa jmur ghall-*meeting one on one* mas-*social worker* u li din il-laqgħa jsibha tajba għax jiftaħ qalbu magħha.

Spjegat li l-imputat kien introvert kbir, kellu problemi kbar, għandu wliedu jgħixu l-Kanada u saħansitra huwa tifel addottat ukoll. Qalet li l-imputat m'għandux flus izda ghandu hafna dejn.

Illi nhar t-tnax ta' Mejju 2008, **xehdet Pauline Camilleri** [fol. 108] fejn qalet li hi taħdem bħala *social worker* fl-isptar mentali ta' Għawdex u bdiet taħdem fuq il-każ ta' l-imputat preżenti fl-awla, fit-tlieta u għoxrin ta' Frar tas-sena 2007. Qalet li l-imputat dak iz-zmien kien għadu s-*short stay under treatment* u kienu assenjawlha l-każ sabiex tibda taħdem miegħu una volta jerġa jiġi reintegrat fis-socjetà. Qalet li bdiet taħdem miegħu fuq kwistoni ta' *self esteem* w effettivament kien se jibdel hajtu biċċa biċċa. Qalet li effettivament l-imputat ikkopera ħafna, saħansitra anke beda jattendi l-OASI u għadu jattendi sal-lum, darbtejn fil-ġimgħa jattendi s-*support group* u darba fil-ġimgħa jattendi ma' wieħed mill-*workers* ta' l-istess fondazzjoni. Qalet li l-imputat ghamel progress kbir. Spjegat li fil-fatt huwa *compliant* mal-medikazzjoni li qed jingħata kif ukoll ma' dak kollu li huma jgħidulu. Qalet li l-imputat ibati minn *bipolar disorder* u li fis-*short stay* lanqas kien kapaċi jikkomunika, kien ħafna magħluq fih innifsu iżda llum il-ġurnata nbidel, fis-sens li huwa kalm u ilu hekk għal dawn l-aħħar xhur. Qalet wkoll li s-*support* meħtieg ghalih. Qalet li kemm kien ilu jahdem maghha qatt ma ratu jiehu l-ebda droga.

Illi fuq talba tal-istess imputat sabiex jithejja *social inquiry report* dwaru fis-seduta tat-tnax ta' Mejju 2008, il-Qorti laqghet tali talba w innominat ghal dan l-ghan lis-Senior Probation Officer Miriam Sevasta.

Illi nhar l-ewwel t'Awwissu 2008 dehret s-Senior Probation Officer Miriam Sevasta li ppresentat u halfet r-relazzjonijiet taghha li gew immarkati bhala Dok. PS u Dok. PS 1 rispettivament.

Illi minn ezami tad-Dok. PS jirrizulta li fil-fehma taghha il-piena karcerarja tista tkun ta' detriment f'dan il-kaz, minhabba l-istat mentali tal-imputat. In oltre spjegat li l-imputat ghamel progress kbir f'hajtu. Tghid wkoll li Sonia Abela hija l-persuna l-aktar vicin tieghu u taghtih hafna support fl-aktar perjodi difficili ta' hajtu.

Illi minn ezami tad-Dok. PS 1 jirrizulta li dan r-rapport gie mhejji mill-Ministeru tal-Correctional Services tal-Kanada u minn ezami tieghu jirrizulta li l-imputat kellu diversi problemi familjari fil-passat tieghu.

Rat il-fedina penali tal-imputat esibita a fol 5 tal-atti minn fejn jirrizulta li hemm registrat reat wiehed dwar reat ta' vjolazzjoni fuq proprjeta tal-Gvern li jirrisali ghas-sena 1980 fejn gie moghti canfira.

Ikkunsidrat ulterjorment:

Il-Qorti qabel xejn tirrebadixxi li r-reat ta' koltivar, huwa reat serju u jgorr mieghu nvarjabilment piena karcerarja. Dan jghodd wkoll ghal min jqassam d-droga sabiex jikkoltiva ossia jissodisfa l-vizzju tieghu. Persuna li tiddependi fuq id-droga, ghandha tipprova tikkura ruhha u mhux tittraffika d-droga bi hsara rreparabbli lis-socjeta.

Illi din il-Qorti dejjem ghamlet minn kollox u dak kollu li huwa possibbli sabiex tghin lil kull min deher quddiemha bhala imputat u kellu din il-problema serja hafna u f'kazijiet bhal dawn, il-Qorti dejjem tat kull opportunita sabiex vittmi ta' droga jfiequ minn dan il-vizzju.

Din il-Qorti dan ghamlitu meta kienet konvinta li min kien quddiemha ried tassew u genwinament johrog minn dan il-problema u min wera rieda tajba w affidabilita u ghalhekk kien jisthoqqlu li jinghata cans li jfieq u jerga jirrintegra ruhu tajjeb fis-socjeta.

Bejn r-reat ta' koltivar u dak ta' pussess jezisti f'dan il-kaz, in-ness tal-mezz ai fini skond l-paragrafu (h) tal-artikolu 17 tal-Kodici Kriminali u ghalhekk wiehed ghandu jimxi fuq il-piena ghar-reat l-aktar gravi li hu dak ta' koltivar.

Ghal dan r-reat ta' koltivar u r-reat inqas gravi ta' pussess ta' droga, japplika d-disposizzjoni tal-paragrafu (b) tal-imsemmi artikolu 17 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti nnutat wkoll li l-imputat m'ghandux jibbenefika mid-disposizzjoni tal-artikolu 29 tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta ghaliex ma kixifx s-sors minn fejn kien ottjena d-droga w ghalhekk ma thossx li ghandha tkun daqstant klementi mieghu pero bhala fatt ser tilqa r-rakkomandazzjoni tal-probation officer biex tapplika piena karcerarja.

Jigi nnutat li skond l-artikolu 22(9) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, din il-Qorti hija projbita milli tapplika l-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali w id-disposizzjoni tal-Att dwar l-Probation ma jkunx applikabbli dwar xi persuna misjuba hatja tal-akkuzi 'n dezamina u cioe koltivar ta' droga.

Dwar il-piena, l-Qorti kkunsidrat is-segwenti:

1. Il-koperazzjoni tal-imputat sa mill-bidu neta meta rrilaxxja l-istqarrija tieghu;
2. Li l-ammont ta' droga misjuba ghand l-imputat kienet de minimis, ghalkemm varjata;

3. Il-fedina penali tal-imputat li hija wahda tajba u mhux reflettarja; u

4. L-istat ta' sahha tal-imputat li ma hiex daqstant tajba, kif imfisser mill-Psikjatra Anton Grech.

Pero minn naha l-ohra il-Qorti tqis li r-reat odjern li tieghu din il-Qorti qed issibu hati, bhala wiehed serju hafna u li qed jirrovina s-socjeta Maltija.

Illi ghalhekk **l-Qorti** wara li rat l-artikoli tal-ligi u cioe l-artikoli 8(a)(c)(d), 22(2)(9), 22((1)(a)(1), 2(b) tal-Kap 101, l-artikolu 120A(2) tal-Kap 31, l-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-G.N. 292/1939 kif emendat, **tiddikjara li ssib lill-imputat JOSEPH CILIA hati tal-akkuzi kollha** kif dedotti fil-konfront tieghu u **tikkundannah ghal piena karcerarja ta' sitt (6) xhur oltre li qed tikkundannah ghal hlas ta' multa ta' hames mitt (500) Euro ghal ewwel akkuza u tordna li jitpogga taħt ordni ta' probation ghal perjodu ta' tlett (3) snin fuq r-rimanenti akkuzi ai termini tal-artikolu 7(1) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Il-Qorti, qed taghti l-fakulta lil imputat bl-applikazzjoni tal-artikolu 14(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta li l-imsemmija multa tithallas f'rati mensili u konsekuttivi ta' erbghin [40] Euro bl-ewwel pagament ikun dovut sa mhux aktar tard mit-tletin [30] ta' Novembru 2008, u f'kaz li l-imputat jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc dovut jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull 11.65 Euro dovuta.**

**Dwar t-talba tal-prosekuzzjoni sabiex, ai fini tal-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti tikkundanna lil imputat jhallas l-ispejjes inkorsi mal-hatra ta' periti w esperti, il-Qorti tilqa tali talba u tikkundanna lil imputat jhallas l-ispejjes kollha nvoluti fil-hatra tal-espert nominat Mario Mifsud [fol 64 tergo] fl-ammont ta' mija tnejn u hamsin lira u hamsa e erbghin centezmu ekwivalenti ghal tlett mija erbgha w hamsin [354] Euro u dan fi zmien sitt [6] xhur mill-lum u jekk l-imputat jonqos li jhallas imqar pagament wiehed, l-bilanc dovut jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull 11.65 Euro dovuta.**

Finalment tordna wkoll d-distruzzjoni tad-droga u pjanti ta' Cannabis esibiti w ghalhekk tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex jeffettwa tali distruzzjoni, b'dan li l-istess Registratur tal-Qorti ghandu jirredigi process verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax il-jum mill-lum u dan in linea mas-

sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar t-tnejn w ghoxrin ta' Dicembru 2006 fl-ismijiet*** **Il-Pulizija v Anthony Joseph Portelli**.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------